

# Il-Moviment Ewkaristiku Għawdxi

**Mons. Rożario Borġ**

F'Lulju 1963 il-Leġjun ta' Marija t'Għawdex organizza pellegrinaġġ għal Lourdes bil-ħidma ta' Mons. Albert Curmi. Jien u Mons. Franġisk Debrincat ħadna sehem fih. Meta konna hemm assistejna għal *night vigil* (lejl ta' adorazzjoni) fil-Bażilika tar-Rużarju. Aħna u ġejjin lura ma' xi leġjonarji oħra minn Kerċem, tkellimna fuq l-idea li nagħmlu xi ħaġa simili f'Għawdex. Ġara li f'Jannar tal-1964, il-Papa Pawlu VI kien mar fi vjaġġ apostoliku u l-Pirjol ta' Sant Wistin, Patri Albert Cini, stieden lili u lil Mons Debrincat biex ngħinuh jorganizza lejn adorazzjoni mis-Sibt għall-Ħadd. U hekk sar, fl-4 ta' Jannar 1964.

## Savina - Frar 1964

Wara din l-esperjenza, jien u Dun Franġisk kellimna lill-Isqof Ġużeppi Paċe biex jagħtina permess nibdew l-iljieli ta' adorazzjoni. Qalilna "iva", però ried li dawn ikunu għall-irġiel biss. Insistejna li jkunu għal kulħadd u ċeda. Morna nkellmu lir-rettur ta' San Ġakbu, Mons. Ġużeppi Farruġia, imma dan irrifjuta. Morna għand ir-rettur tal-knisja ta' Marija Bambina (Savina), Mons Pawlu Cauchi u dan aċċetta. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar, is-7 ta' Frar, dehrilna li jkun jum adattat biex nibdew għax inzerta wkoll l-anniversarju tal-konsagrazzjoni ta' din il-knisja. Mela l-Ħamis filgħaxija, 6 ta' Frar 1964, bdejna l-adorazzjoni fit-8:00pm u l-knisja ma wesgħetx in-nies li ġew. Leġjunarji ta' Marija minn kull raħal organizzaw *buses*. F'nofsillejl qaddisna t-tieni quddiesa u spiċċajna fl-4:00am, *Deo Gratias!*

## Mis-Sibt għall-Ħadd

Bdejna nagħmlu din l-adorazzjoni lejlet kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Wara ftit xhur qlibna għal Jum il-Mulej. Fil-knisja tan-Nazzarenu (ix-Xagħra) għamilna l-ewwel lejl mis-Sibt għall-Ħadd u bqajna sejrin f'diversi knejjes anki parrokkjali. In-nies baqgħet tiżdied. Fl-1969 sar żvilupp importanti. S'issa konna għadna m'aħniex organizzati. Fil-festa tal-Immakolata ta' dik is-sena ltqajna Ta' Ħamet u ffurmajna kumitat. Għażilna żewġ delegati minn kull raħal u semmejna l-moviment tagħna kif nafuh illum: "Moviment Ewkaristiku Għawdxi''. Biex ma nibqgħux niddependu mit-transport pubbliku, fl-Epifanija tas-sena ta' wara, 1969, Ġużeppi Tabone xtralna *minibus* (Transit Ford) li semmejnieha St. Joseph Thêrêse. Dik is-sena wkoll bdejna ljieli ta' adorazzjoni mill-Ħamis għall-Ġimgħa fil-knisja tal-Karmnu (Ta' Ħamet). Konna nibdew fit-8:00pm u nispiċċaw f'nofsillejl, b'quddiesa, kif għadna, bl-għajnuna ta' Alla, nagħmlu sal-lum. Wara l-quddiesa, Ġużeppi Tabone kien jitlaq lejn il-biċċerija għax kien biċċier.

Dik il-ħabta konna norganizzaw *weekend retreats* f'Malta u pellegrinaġġi għal Lourdes. Darba minnhom morna Lisieux. Kellna diversi membri li daħlu sorijiet mal-Klarissi. Bdejna wkoll nirreċittaw l-uffiċju divin, uffiċju tal-qari u talba ta' għeluq il-jum matul il-lejl. Billi l-Gvern kien eżentana mid-dazju fuq il-*minibus,* xtrajna wkoll *Ford Escort* għall-Moviment. Għażilna wkoll xi qaddisin Ewkaristiċi (S. Baskal Baylon, S. Pier Guljanu Eymard) u oħrajn bħala Patruni tal-Moviment, però tnejn minnhom jeħtieġu attenzjoni speċjali.

**Santa Tereżina**. Kif għidt, fl-1971, morna Lisieux u bdejna nistudjaw l-ispiritwalità tagħha tat-Triq iċ-ċkejkna. Xtrajna u xerridna l-kapulavur spiritwali: "Storja ta' Ruħ'' u speċjalment iċċelebrajna fuq bażi djoċesana l-ewwel mitt sena mit-twelid tagħha (1973). Ġibna statwa tagħha minn barra u poġġejnieha fil-Knisja tagħna tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana. Beriknieha qabel fi Pjazza t-Tokk u għamilna Akkademja Mużiko-Letterarja fl-Oratorju Don Bosco.

**San Ġużepp**. Konna sejrin il-Ħamrun għal lejl adorazzjoni. Ix-xarabank waqfet bil-ħsara l-Mellieħa. Sakemm sewwew il-ħsara, għażilna bix-xorti l-Patrun tal-Moviment u għal darba, darbtejn, tela' San Ġużepp. Ġibna statwa sabiħa ħafna tiegħu minn barra u poġġejnieha ta' Ħamet.

Bdejna wkoll l-adorazzjoni tal-Ħadd filgħaxija bejn il-5:00pm u t-8:00pm. Inkoraġġiti mill-Isqof Nikol Cauchi, bdejna mmorru f'diversi kappelli, fosthom




Taż-Żejt, San Publiju (Għarb), Qalb ta' Ġesù (Nadur) u Sorijiet O.S.A. (Għajnsielem). Wara bqajna mmorru biss ta' Ħamet. Billi dil-knisja saret inagibbli għall-Ħamisijiet, ġejna milqugħin fil-knisja ta' Karkanja, il-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur fejn għadna sal-lum.

**Il-Motto: "Biex l-Imħabba tkun Maħbuba"**

Dehrilna li billi fl-Ewkaristija Ġesù wriena l-akbar imħabba, jixraq li l-ideal li għalih irid jaħdem il-Moviment Ewkaristiku jkun l-imħabba perfetta. Għal dan l-iskop tħajjarna wkoll Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù li l-motto tagħha hu: L-Imħabba titpatta bl-imħabba (San Ġwann tas-Salib). Għalhekk ukoll kull membru tal-Moviment hu familjari mal-konsagrazzjoni jew att ta' offerta lill-Imħabba Divina li għamlet u għexet Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù fil-11 ta' Ġunju 1895. Hu għalhekk ukoll li l-membri tal-Moviment



Ewkaristiku japprofittaw minn kull mument liberu li jkollhom biex jinxteħtu quddiem Ġesù Ewkaristiku biex iħeġġiġhom dejjem iżjed fl-imħabba.

**2014**

Sentejn oħra, jekk is-Sinjur Alla jrid, l-adorazzjoni tagħlaq ħamsin sena. Bdejna fis-6 ta' Far 1964, tifkira ta' San Pawl Miki, martri Ġappuniż u sħabu. Bosta minn dawk li ħadu sehem magħna, jew xjieħu jew għaddew għad-dinja l-oħra. Bosta oħrajn issieħbu magħna u cirkostanzi differenti ġagħluhom iħallu l-Moviment. Niltaqa' ma' individwi li llum huma nanniet u bużnanniet li jgħiduli: "Kont niġi l-adorazzjoni bil-lejl." Żgur li l-Moviment ikkontribwixxa mhux ftit biex l-Ewkaristija tkun maħbuba. Anki xi saċerdoti jafu l-bidu tal-vokazzjoni tagħhom għall-adorazzjonijiet li meta kienu għadhom żgħar kienu jiġu jagħmlu magħna. Ta' dan kollu rroddu ħajr lil Alla u nitolbuh jagħtina l-perseveranza. Nitolbu wkoll lil Marija Sultana tas-Santissmu Sagrament biex tħajjar oħrajn jissieħbu magħna fl-adorazzjoni ta' bil-lejl. Żgur li qatt daqs f'dawn iż-żmenijiet ma tenħtieġ tpattija għad-dnubiet tal-umanità. Ġesù lil Santa Margerita Marija darba qalilha: "La żdiedu d-dnubiet jeħtieġ li tiżdied it-tpattija" u "Ruħ weħidha kapaċi tpattili għal miljun midneb". Int li qed taqra ssieħeb fl-adorazzjoni u ħajjar oħrajn; żgur li fil-pont tal-mewt tiegħek, il-ħsieb li jferrħek ikun dan: "X'ferħ inħoss xħin naħseb li sa niġi ġġudikat minn Dak li jien tant ħabbejt" (Santa Tereżina).